Minuti tal-laqgħa numru tnejn u erbgħin (42) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru 2021 fis-6:18pm, f'34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| Prezenti: | Sandro Craus | Sindku |
|---|---|---|
| | Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Janice Busuttil | Kunsillier |
| | Doris Coleiro | Kunsillier ħarġet fid-21.20, |
| | Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Nazju Cassar | Kunsillier ħareġ 21:00, |
| | Kris Grech | Kunsillier wasal fis-18:40 |
| | Ian Vassallo | Kunsillier wasal fis-19:00 |

**42.01 Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** **Talba**

**42.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru wieħed u erbgħin (41)** **Minuti**

Il-minuti tas-seduta numru 41 kienu ikkunsidrati wara li kienu mgħoddija b'e-mail lill-kunsillieri mal-agenda u dawn ġew approvati unanimament wara li kienu proponuti mis-Sindku, s-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Chris Farrugia.

**42.03 Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 329 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 48** **Ċedoli 329 u 48**

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 329 kienet approvata b'vot unanimu minbarra item 14711 li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwarha u ma qabilx li tkun imħallsa. Il-kunsilllieri ma kellhom l-ebda' oġġezzjoni filwaqt li l-iskeda tax-xogħlijiet/xiri numru 48 kienet ukoll approvata b'mod unanimu.

**42.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** **Mistoqsijiet**

**42.05 Biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat jittermina l-kuntratt tal-knis tat-toroq (zona urbana) ma' Waste Collection Ltd** **Terminazzjoni tal-kuntratt**

Is-Sindku is-Sur Sandro Craus stieden lill-kunsillieri biex jisimgħu lill-*handyman* tal-Kunsill, is-Sur Paul Tanti biex jagħti aktar dettalji dwar dan il-kuntratt tal-knis li kien fil-passat qed jieħu ħsiebu hu ukoll. Is-Sur Rudolph Grima qal illi qabel ma tittieħed id-deċiżjoni, kien ikun aħjar li bagħtna għall-partijiet l-oħra. Intlaħaq ftehim biex issir laqgħa ma Synthesis Managment u Waste Collection Ltd biex b'mod amikevoli nirtiraw it-terminazzjoni li diġa' ntbagħtet mhux għax naqblu magħha, iżda biex naslu għal ftehim u nevitaw id-dewmien u l-ħela ta' ħin fil-Qrati ta' Malta.

**42.06 Biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat jittermina l-kuntratt tal-Contract Manager, Synthesis Management Ltd** **Terminazzjon tal-kuntratt**

Ara d-deċiżjoni f'punt42.05

**42.07** **Applikazzjoni tad-Diviżjoni Gvern Lokali SPI/SCI/7/2021 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' proġetti kapitali maġġuri mill-Gvern Ċentrali.** SPI/SCI/7/2021

Is-Sur Rudolph Grima tkellem dwar l-*uplighters* fil-pavimentar fi Vjal Santu Wistin. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus għamel referenza għall-komunikat li kellu mal-kuntrattur Mica Med Ltd fejn dan qallu illi dawn tant qed ikollhom *condensation* u jidħol ilma fihom, illi jispiċċaw jitħassru f'qasir żmien. Għaldaqstant se napplikaw biex il-proposta fl-applikazzjoni tagħna tkun sabiex isir apparat ġdid. F'dan il-waqt kien hemm diskussjoni dwar jekk għandhomx ikunu l-istess stil id-dwal jew inkella jkunu fanali fuq il-pilastri tal-parapetti u / jew *recessed light* fl-istess ċnut tal-parapetti. Vjal Santu Wistin

**42.08** **Applikazzjoni tad-Diviżjoni Gvern Lokali SPI/SCI/8/2021 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità** SPI/SCI/8/2021

Il-Kunsill ikkunsidra fit-tul dwar dan kollu u intlaħaq ftehim biex ikun ikkunsidrat li jinxtara Vann bit-*tail lift* għal persuni b'nuqqas ta' mobilità.

**42.09** **Ħlasijiet ta' kontijiet lill-WM Environmental minkejja in-nuqqas ta' ċertifikazzjoni mill-Contract Manager** Kontijiet ta' WM Environmental

Is-SE spjega lill-kunsillieri illi is-Sur Wilson Mifsud ta' WM Environmental ċempillu u qallu illi ma jistax ikun illi ma jitħallasx tas-servizz. Dan kellu kont ta' għaxriet ta' eluf ta' ewro. Is-SE qallu illi l-Contract Manager mhux jiċċertifika ix-xogħol tiegħu u għaldaqstant qatt ma kien ħareġ pagament minn meta beda bil-kuntratt il-ġdid. Għall-kliem illi kien lest li jieqaf, b'mod immedjat, ma kienx hemm għażla oħra ħlief illi jsiru xi ħlasijiet mingħajr iċ-ċertifikazzjoni tal-Contract Manager kif fil-fatt sar. Il-KLR filwaqt li qabel ma' din il-proposta se jara illi jkun hemm aktar xogħol fejjiedi fejn jidħol il-ġbir tal-iskart. Is-Sur Nazju Cassar qal illi bit-twaqqif ta' kuntrattur addizzjonali ieħor mill-ġimgħa li għaddiet, li kien qed jassisti lis-Sur Wilson Mifsud, liema deċiżjoni ttieħdet waqt laqgħa li kellhom is-SE u s-Sindku mas-Sur Wilson Mifsud, se jerġa' jibda' jkollna l-problemi biex jinġabar l-iskart tal-kampanja, imqar darbtejn fil-ġimgħa. Is-Sur Nazju Cassar semma' bħala eżempju Wied Ħażrun. Għaldaqstant is-Sindku, is-Sur Craus iddikjara illi se jkun qed isegwi dan kollu bil-ħaddiema tagħna.

**42.10** **Proposta ta' Roundabout fi Vjal il-Ħaddiem k/m Triq Bir ir-Riebu** Roundabout

**Il-KLR iddiskuta fit-tul dwar din il-proposta**. Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku qal illi mhux biss hawn se jkun hemm bżonn li jsir traffic managment tajjeb, iżda anke aktar 'l isfel fejn Vjal il-Ħaddiem taqbad ma Triq Tabija u wkoll fit-Triq tal-Imtarfa fejn il-vetturi jkunu ħerġin mill-Imtarfa għall-By-Pass.

**42.11** **Proposta ta' ħruġ ta' offerta pubblika biex jinksew passaġġi u sqaqien mil-mattonċina** Ħruġ ta' Offerta pubblika għall-pavimentar

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel unanimament biex toħroġ l-offerta pubblika ħalli jibda' jsiru l-pavimentar bil-mattonċina fl-isqaqien permezz tad-*Development Fund* fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar. Se nibdew billi jsir dak l-isqaq li jinsab fi Triq il-Kulleġġ. L-applikazzjoni trid issir mil-Perit tal-Kunsill biex tkun aċċettata mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**42.12** **Proposta ta' ħruġ ta' offerta pubblika biex jinxtraw siġar u jsiru *vertical gardens*** — **Ħruġ ta' offerta pubblika - ġonna**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ikkunsidra d-*draft* li kien ippreżentat mal-agenda u qabel unanimament illi jinxtraw fost l-oħrajn qsari li jkunu awtonomi – jissaqqew waħidhom b'pompa li taħdem bis-*solar panels.*

**42.13** **Ir-rapport finanzjarju tat-tieni u t-tielet kwart tal-2021 u dak ta' Ottubru 2021** — **Rapporti finanzjarji**

Kien approvati ir-rapporti finanzjarji imħejjija mill-*Accountant* tal-Kunsill għall-perjodu Jan – Set 2021 *accrual based* u wkoll dak *on cash basis* ta' Ottubru. F'dak tal-ewwel kien reġistrat *deficit* ta' €228,345 u *net current asset position* ta' €329,313.

**42.14** **Trasferiment tal-Vacation leave tal-ħaddiema mil-2021 għall-2022** — **Trasferiment ta' Vacation leave**

Il-KLR iddeċieda illi jilqa' t-talba tas-Sinjuri Shirley Bonanno, Naiomi Bugeja Micallef u Caroline Farrugia u sigħat tal-*vacation leave* tas-sena 2021 ikunu mġedda għas-sena 2022.

**42.15** **Talba għal allowance ta' €350 fix-xahar mis-Sur Paul Grech li beda jaħdem bħala messaġġier** — **Allowance lil Paul Grech**

Il-KLR iddeċieda illi is-Sur Paul Grech jibda' jitħallas €350 allowance fix-xahar, imbasta dawn ikunu bl-għarfien tal-accountant u ovvjament jekk inhu legali.

**42.16** **Approvazzjoni għat-tweġiba għall-*Managment Letter* tas-sena 2020 ta' Grant Thornton** — **Tweġiba – Managment letter 2020**

Ir-risposta tal-Management Letter għas-sena 2020 kienet mgħoddija mal-agenda u din se tkun mibgħuta kif inhi wara li kien hemm qbil dwarha.

**42.17** **Deputat Segretarju Ezekuttiv** — **Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsillieri qablu b'mod unanimu illi din il-kariga tkun offruta lis-Sra Roberta Galea. Se ninnotifikawha ħalli naraw jekk taċċettax dan l-irwol.

**42.18** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-rapport RLC/T/0195/20 Asfaltar ta' Toroq u Toroq ta' aċċess** — **RLC/T/0195/20**

Ir-rapport kien ikkunsidrat u l-Kunsill qagħad għar-rakkomandazzjonijiet tal-bord ta' evalwaturi. Jiġifieri illi din l-offerta pubblika tkun mogħtija lill-Bonnici Bros li kienu l-orħos.

**42.19** **Punti Oħra** — **Punti Oħra**

**42.19.01** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar ġnien Bir Iljun. Hu qal illi dawn ix-xogħlijiet se jkunu qed isiru mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u se nippruvaw insalvaw ħafna mill-istruttura ta' dan il-ġnien li fih hemm materjal rikk bħall-pavimentar tal-passaġġi. Il-bir hu mimli sa fuq u għaldaqstant m'għandux bżonn manutenzjoni filwaqt li se jinbidlu il-bankijiet, jitpoġġa *gym equipment* u se naraw jekk hux ta' min jippreserva l-arbli tal-*cast iron.* Għaldaqstant għandu jsir *land survey* dalwaqt. — **Ġnien Bir Iljun**

**42.19.02** Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti, tkellem fuq l-attivitajiet imtella' mir-Reġjun Tramuntana. Hu tkellem fuq il-pubblikazzjoni — **Reġjun Tramunana**

*Colours of the North*, fuq il-Festival tal-Baned u Nar li attivita' minnhom inżammet fir-Rabat kif ukoll fuq l-Isports Festival u fil-laqgħa annwali.

**42.19.03** Kien hemm referenza mis-Sindku u s-SE dwar il-fondi li applikajna għalihom magħrufa bħala tal-LESA. Dawn jirrigwardjaw l-*underground bring-in-site* bil-pjanijiet kif kien diskuss fil-KLR li din issir f'Għar Barka. L-applikazzjoni daħlet l-AKL u l-LESA fil-ħin.

**Fondi tal-LESA – underground bring in site**

**42.19.04** Is-Sur Rudolph Grima semma' l-grada tal-ilma tax-xita illi kienet irrappurtata li tiċċaqlaq u tħabbat fi Triq ta' Saura u li għadha kif kienet. Kien deċiż illi ninfurmaw lill-Bonnici Bros, il-kuntrattur direttament, kif ukoll lill-Infrastruttura Malta.

**Grada tal-ilma tax-xita tagħmel l-istorbju fi Triq Ta' Saura.**

**42.19.05** Kienet diskussa l-applikazzjoni ta' żvilupp fi Sqaq Numru 1, Triq San Franġisk mis-Sinjuri Rudolph Grima u Chris Farrugia. Dwar dan is-smiegħ tal-Awtorità tal-Ippjanar, kienu on-line is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-SE. Il-każ kien differit, għaliex ittella' *Ground Investigations Report on-line* fuq is-sit tal-Awtorità tal-Ippjanar ħamest ijiem qabel dan is-smiegħ, li kien datat sena ilu. Għal proposta tal-iżviluppaturi illi bħala metodu se jintuża *tower crane* li se jitpoġġa fi Triq Sant Antnin, kienet imressqa proposta mis-Sur Rudolph Grima u ssekondata mis-Sur Chris Farrugia sabiex dan it-*tower crane* ma jitħalliex armat f'din it-triq bir-riskju li terġa' tisfronda kif kien ġara xi snin ilu meta kien qed isir żvilupp minn terzi fi Triq Sant Antnin. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u kien ukoll deċiż illi ssir *press conference* fi Triq San Franġisk fejn se jkun trattat dan il-permess u l-*concerns* tas-sigurtà li hemm fuq id-djar bin-nies fihom u fuq il-patrimonju Rabti bil-foss ta' San Pawl u l-għerien li jistgħu jisfrundaw għal isfel. Is-Sur Rudolph Grima ippropona li tinħareġ *default notice* lill-Perit Charles Buhagiar għaliex ilu biex japplika għall-iskedar mal-Awtorità tal-Ippjanar xhur twal. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hu lest li jsejjaħ laqgħa tal-Kunsill ad hod dwar dan u jkun preżenti l-istess perit.

**Applikazzjoni ta' żvilupp – Sqaq 1, Triq San Franġisk**

**42.19.06** Is-Sur Chris Farrugia ta tagħrif dwar il-Konferenza li attenda għaliha f'Nizza dwar id-Demokrazija u s-Sigurtà. Hu qal illi anke s-sit fejn din inżammet, hu verament sinifikattiv għaliex hemmhekk kien hemm atti terroristiċi. Għal din il-konferenza kien hemm żewġ Kummissarji Ewropej u t-tema tad-diskussjoni kienet interessanti ferm.

**Konferenza f'Nizza**

**42.19.07** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq proposta oħra illi tikkonċerna ir-restawr tal-istatwi tal-ħaġar li jinsabu quddiem il-Bażilika ta' San Pawl. Hu qal illi mill-istimi li għandu dawn se jiswew ftit aktar minn €4,000 għat-tnejn li huma. Il-Kunsill se jkun qed jirrestawra dawn l-istatwi propju fil-Pjazza tal-Parroċċa minn kuntrattur li diġa' kien fdat min diversi restawr fir-Rabat, Agius Marble Works.

**Restawr ta' statwi tal-ħaġar fil-Pjaza.**

**42.19.08** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippropona illi tinxtara' xbieha tal-Madonna biex titpoġġa fil-Ġnien Pubbliku ta' Għar Barka. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri.

**Xbieha tal-Madonna**

**42.19.09** Is-Sinjur Doris Coleiro talbet illi jerġa' jibda jinfetaħ id-*Day Centre* tal-Anzjani. Dwar dan kien hemm diskussjoni fit-tul minħabba l-miżuri ta' mitigazzjoni tal-Covid 19. Kien deċiż illi dan jinfetaħ mil-ġdid darbtejn

**Ftuħ tad-Day centre**

fil-ġimgħa u l-anzjani jinqasmu f'żewġ gruppi, l-Erbgħa u l-Ġimgħa u jagħżlu huma dak li jkun konvenjenti għalihom.

**42.19.10** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar l-attività li se tkun organizzata mill-ET il-President ta' Malta, għan-nom tal-*Community Chest Fund* permezz ta' mixja fil-21 ta' Novembru. Hu ħeġġeġ lil kulħadd biex jipparteċipa. **Mixja tal-President**

**42.19.11** Is-Sra Janice Busuttil uriet it-tħassib tagħha għaliex saret taf mil-mezzi soċjali illi t-tfal ma jkunux akkumpanjani minn Uffiċjal tal-Komunità jew il-Pulizija tal-Komunità meta jkunu deħlin jew ħerġin minn St Angela School fi Triq San Vinċenz Ferreri. Hawn il-kunsillieri wieġbu illi dak is-servizz jingħata mill-Pulizija tal-Komunità biss lill-iskejjel tal-istat. Hemm skejjel oħrajn fir-Rabat bħas-St Angela School li wkoll m'għandhomx din l-assistenza. **Akkumpanjament tat-tfal tal-iskola minn Pulizija/Uffiċjali tal-Komunità**

**42.19.12** Is-Sur Ian Vassallo tkellem fuq xarabank antika li ntefgħet f'għalqa/xagħri fit-telgħa tal-Imtaħleb fuq terrapien li kien intefa' ftit tax-xhur ilu bl-iskop li din isservi ta' qisha caravan. Hu esebixxa ritratti li kellu fuq it-telefon ċellulari tiegħu u l-Kunsill Lokali tar-Rabat se jieħu passi f'dan l-aspett mal-awtoritajiet biex kollox jerġa' lura fl-istat oriġinali tiegħu. **Imbarazz fit-telgħa tal-Imtaħleb**

**42.19.13** Is-Sur Ian Vassallo rrefera għal proposta ta' *intelligent lighting* biex ikun ikkontrollat it-traffiku fi Triq Ġorg Borg Olivier. Hu qal illi dan jista' jkun li jaħdem perfettament u jsolvi l-problema li żewġ vetturi wisgħin jiltaqgħu kontra xulxin u jeħlu. Dan se jkun suġġerit lil Transport Malta. **Triq Gorg Borg Olivier**

**42.19.14** Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti tkellem dwar il-ħtieġa illi fil-Belveder ta' Għeriexem jitwaħħlu mhux biss *dog bins* iżda wkoll cctv cameras biex ikun issorveljat kontra l-atti vandali. Dwar dan kien hemm qbil mil-kunsillieri kollha preżenti. **Belveder t'Għeriexem**

**42.19.15** Is-SE talab sabiex il-vettura elettrika Hyundai Cona tkun tista' tiġi rreġistrata f'ismu għal skopijiet ta' Transport Malta biex joħorġu l-pjanċi. **Hyundai Cona**

**42.20 Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss** **Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm u l-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar l-1 ta' Diċembru 2021.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum ta' Diċembru 2021 mis-Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku